## *Għalfejn noffru l-quddies għall-mejtin?*

Ilkoll kemm aħna nafu mill-esperjenza tal-iżbalji tagħna kemm id-dnub jagħmina u ma jħalliniex naraw b'mod safi lilna nfusna u lill-oħrajn għax jimliena bis-suspetti, bil-biża', bid-dubju u r-rabja. Minħabba fid-dnub ma jirnexxilniex naraw lil Alla magħna, imma naħsbuh qed jaħdem kontrina. Min-naħa l-oħra bil-qawwa tat-talb tagħna, u bl-opri tal-karità u l-imħabba bejnietna, għajnejna jinfetħulna u dlonk nimtlew bid-dawl tal-ispirtu qaddis ta' Alla, tant li nħossuna nieħdu r-ruħ; inħossuna salvi.

U hu għalhekk li aħna nibqgħu nitolbu għall-mejtin tagħna u noffru l-quddies għalihom sabiex bis-saħħa tat-talb u bl-offerta tal-karità li nagħtu lill-Parroċċa nħaffulhom it-triq ħalli ma jdumux ma jkunu jistgħu jissaffew mid-dlam tad-dnub u jaraw lil Alla li jrid isebbaħhom bħalu.

Għax veru li fl-aħħar mumenti ta' ħajjitna, aħna diġà nissaffew ħafna u nħossuna qrib ta' Alla xħin l-esperjenza iebsa tal-ħajja trattbilna qalbna u tiftħilna għajnejna, imma veru wkoll li xi drabi l-qalb tibqa' iebsa u għajnejna jibqgħu magħluqa quddiem l-imħabba t'Alla, hekk li ma jirnexxilniex narawh magħna. Id-dnub jibqa' jkiddna u jdallamna hekk li din it-tbatija nġorruha anki wara l-mewt fejn nibqgħu nħossu n-nuqqas tal-imħabba tal-aħwa u ta' Alla. Hu għalhekk li l-Knisja titkellem mill-Purgatorju, biex tfehemna kif inhu dak l-istat spiritwali li fih inkunu meta minħabba dnubietna ma jirnexxilniex ingawdu mill-mistrieħ li jista' jagħtina Alla. Imma quddiem dan kollu, Alla jibqa' jrid jaħfrilna, u anki jekk ma jirnexxilniex nitolbuh il-maħfra aħna stess minħabba l-mewt tagħna, Hu jkompli jilqa' t-talb tal-oħrajn permezz tal-Knisja sabiex jilqa' għandu lil dawk kollha li għadhom fid-dlam ħalli jdawwalhom bl-imħabba tiegħu u jagħtihom il-paċi ta' dejjem.

Fil-fatt Santa Monika fl-27 ta' Awwissu tas-sena 387, lil binha Santu Wistin qabel mietet kienet qaltlu: "Tinkwetaw xejn, idfnu lill-ġisem tiegħi fejn tridu. Ħaġa waħda nitlobkom: "Ftakru fija, kull fejn tkunu quddiem l-artal tal-Mulej" (Konfessjonijiet 9,11,27).



**Għalhekk nistiednu lil kull min jixtieq joffri xi quddies għall-għeżież mejtin tiegħu sabiex jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali mit-Tnejn 2 ta' Diċembru u jirriserva l-intenzjoni tiegħu minn fost il-quddies tal-ħin ta' bejn Jannar 2025 u Ġunju 2025.**

**AVVIŻI:**

It-Tnejn, 2 ta' Diċembru, fl-4.00pm fil-kappella tas-Sorijiet, il-Grupp ta' Talb ta' Patri Piju jiltaqa' għat-talb tar-**Rużarju, Adorazzjoni u Quddiesa**, għall-morda u għall-vokazzjonijiet fil-parroċċa tagħna.

Il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru, wara l-quddiesa tal-5.00pm, nistednukom fil-knisja għas-**Siegħa tal-Ħniena Divina**.

Is-Sibt, 7 ta' Diċembru, **siegħa Adorazzjoni** fit-8:15am, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, b'riparazzjoni lill-Qalb Bla Tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd huwa mistieden li jingħaqad magħna.

## *Mixja tal-Avvent*

**Nistednukom tingħaqdu magħna għat-talb tas-Salmi ta' kuljum: fis-6.30am fil-Prayer Room u fis-6.15pm fil-knisja.**

Il-Ħamis, 5 ta' Diċembru, l-Għaqda Dun Franġisk Grima tistedinkom għal quddiesa fil-**kappella tal-Kunċizzjoni tal-Qala** u wara għal ħin ta' mistrieħ fil-bajja ta' Ħondoq. Tluq minn fejn iċ-Ċentru fid-9.30am.

Il-Ħamis, 19 ta' Diċembru ser ikollna **Christmas Lunch** fir-Restaurant SeaShells ix-Xlendi. Tluq minn fejn iċ-Ċentru fil-11.30am. Ċemplu lil Tonina 21553041/79923153 jew Ġuża Sammut 21552326/99228906.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am